**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Magri)**

**Vs**

**Raymond Axiaq**

**Kaz Numru: 973/2013**

**Illum 3 ta' Gunju, 2015**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Raymond Axiaq ta' 52 sena, iben Joseph Axiaq u Rose xebba Camilleri imwieled Zurrieq fis-26 ta' Settembru 1960, jirrisjedi gewwa Fatima, Triq Bronja, Zurrieq u detentur ta' karta ta' l-identita' 663560M talli:

1. Nhar il-4 t'Awwissu 2013 ghal habta tal-05:00hrs gewwa Triq San Pawl, Rabat volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg mobbli jew immobbli ta' Nicholas Azzopardi u cioe' nuccali tal-vista liema hsara tammonta ghal 119Euros, mhux aktar minn Euros 116.47;

2. U akkuzat ukoll talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi hebb ghal persuna ta' Nicholas Azzopardi u kkagunalu griehi ta' natura hafifa skont ma ccertifikat minn Dr Diana Balzan Med No 2111 tal-Poliklinika tal-Mosta Kap 9 Art 221(1);

3. U akkuzat talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi, ingurja jew hedded jew jekk ipprovola, ingurja lil Nicholas Azzopardi b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni (Kap 9 Art 339(1));

4. U akkuzat talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bl-imgieba tieghu kkaguna lil haddiehor u cioe' lil Nicholas Azzopardi, biza' li se tintuza' vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha (Kap 0 Art 251B);

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-paci pubblika u l-bon ordni b'ghajjat, storbju jew glied (Kap 9 Sec 338(dd).

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat jinsab akkuzat talli volontarjament hassar proprjeta' ta' Nicholas Azzopardi ossia nuccali tal-vista; talli kkaguna lill-istess persuna ferita hafifa; li ingurjah jew heddu; li bl-imgieba tieghu kkaguna lil Azzopardi biza' li se tintuza' vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta' tieghu u talli kiser il-bon ordni.

Illi l-kaz mertu tal-proceduri odjerni jirrisali ghall-4 ta' Awwissu 2013 ghall-habta tal-hamsa ta' filghodu hdejn Tas-Serkin gewwa r-Rabat, Malta meta nqala' argument u persuna cioe' Nicholas Azzopardi sofra griehi hfief.

Din il-Qorti se taghmel referenza ghal dak li jirrizulta mix-xhieda prodotti:

Illi PS1195 Conrad Debattista[1] xehed li fl-4 ta' Awwissu 2013 fil-hamsa w kwart ircevew informazzjoni mill-Kwartieri Generali li ezatt quddiem il-hanut 'Tas-Serkin' kien hemm persuna li sfat imwegga'. Meta mar fuq il-post gie avvicinat minn Nicholas Azzopardi li qallu li kien safa' aggredit minn persuna li kien fil-kumpanija ta' Dr Franco

[1] Seduta tal-11 ta' Novembru 2013

Debono u Dr Jeffrey Pullicino Orlando. Dan Azzopardi qallu li huwa kien gewwa l-hanut imsemmi fejn gol-hanut dahal Dr Pullicino Orlando fejn kif resaq mal-bank tal-hanut allegatament beda jghid xi kliem hazin, kliem offensiv fil-konfront tan-nazzjonalisti. In-nies fil-hanut bdew jidhqu u jkomplu mieghu. Hekk kif Azzopardi hareg mill-hanut mar wara Dr Pullicino Orlando u kkonfrontah bil-kliem izda Dr Pullicino Orlando allegatament baqa' jghid l-istess diskors. Azzopardi jghid li hekk kif kien ghadu hdejn Dr Pullicino Orlando ra lil Dr Debono gej fid-direzzjoni tieghu u allegatament ukoll joffendih bil-kliem u skontu kien aggressiv fil-konfront tieghu. F'hin minnhom Azzopardi jsostni li Dr Pullicino Orlando laqtu f'wiccu. Azzopardi qallu li kien hemm persuna li harget mill-grupp li kienu ma' Dr Debono u Dr Pullicino Orlando resaq lejh u beda jxejjer xi daqqiet ta' ponn fid-direzzjoni tieghu u laqtu f'wiccu fejn dan kissirlu n-nuccali tal-vista.

Ix-xhud qal li Azzopardi mar l-ghassa mieghu u talbu jindikalu lill-persuna li aggreditu u qallu li kellu xaghra bajda. Jixhed ukoll li ttiehdet il-versjoni ta' Dr Pullicino Orlando li ta versjoni kompletament differenti minn dak li qal Azzopardi u cahad li qal kliem offensiv jew aggredixxa lil Azzopardi.

L-Ispettur Sarah Magri[2] xehdet li s-surgent PS 1195 kien infurmaha li kien inqala' incident fejn Tas-Serkin fir-Rabat. Huwa infurmaha li certu Nicholas Azzopardi mar jirrapporta li Dr Debono u Dr Pullicino Orlando kienu ppruvaw ihebbu ghalih u anke bdew ighidu kliem oxen fil-konfront tieghu u dan peress li l-istess Azzopardi jahdem gewwa d-dar centrali tal-partit nazzjonalista.

Hija xehdet li kellmet lil Dr Pullicino Orlando u anki lil Dr Debono li cahdu l-allegazzjonijiet fil-konfront taghhom. Dr Pullicino Orlando qalilha li kien prezenti dakinhar u li kien dahal fil-hanut imsemmi u minhabba li huwa rinomat fil-politika kien hemm nies li bdew ighidu xi kliem. Qal li huwa hareg bla ebda problemi mill-hanut u wara li hareg Azzopardi avvicinah u kkonfrontah u qallu li mhux il-mod kif jitkellem gahliex sostna li Dr Pullicino Orlando qal kliem oxxen fil-konfront tan-nazzjonalisti. Dak il-hin wasal fuq il-post Dr Debono. Kemm Dr Debono kif ukoll Dr Pullicino Orlando bdew ighidu lin-nies li kienu fil-kumpanija taghhom biex ma jmissux lil Azzopardi. Dr Debono wkoll innega li qal xi kliem offensiv.

---

[2] Seduta tal-11 ta' Novembru 2013

Meta kellmet lil Nicholas Azzopardi huwa kkonferma r-rapport maghmul mal-pulizija u ghaddilha stima tal-hsara mgarrba. Dakinhar huwa kien fil-kumpanija ta' tlett persuni ohra li ma rawx l-akkadut. L-Ufficjal Prosekutur stabilit ukoll li kemm Dr Debono, Dr Pullicino Orlando u Nicholas Azzopardi kienu precedentement fi tlett postijiet differenti. L-Ufficjal Prosekutur xehdet li l-Pulizija kienet giet avvicinata min-nies li xtaqu jibqghu anonimi li qalulhom li certu persuna maghrufa bhala 'Il-Banana' kien prezenti dak il-hin u li seta' kien involut fl-incident dakinhar stess. Din l-informazzjoni waslitilhom wara certu zmien. B'hekk gie mitkellem l-imputat u rrilaxja stqarrija[3]. In kontro-ezami l-ufficjal prosekutur xehdet li hija saret taf bl-informazzjoni moghtija anonimament mis-superjur taghha. Hija kkonfermat li fil-kommossjoni li nqalghet kien hemm involuti hafna nies.

L-Assistent Kummissarju Carmelo Magri[4] xehed li kien gie infurmat b'mod kunfidenzjali li l-imputat kien involut fl-incident *de quo.* Ghalhekk hass il-htiega biex flimkien mal-Ispettur Sarah Magri kienu kellmu lill-imputat wara li tawh is-solita twissija u d-dritt tal-avukat. L-imputat ikkonferma li kien hemm kommossjoni u kien hemm xi nies barra l-hanut u li kien hemm xi hadd li wegga'. Biss pero' nnega li kien huwa. L-imputat ma eskludix li seta' laqghat lill-parte leza waqt li pprova jferraq u kien huwa li gabar in-nuccali mill-art u tah f'idejn Azzopardi. Ix-xhud tenna li l-persuna li ghadditlu l-informazzjoni kien *bystander* u ma kienx il-persuna aggredita. Din il-persuna qaltilhom li kien l-imputat li aggredixxa lil Nicholas Azzopardi. L-Assistant Kummissarju ma rrivelax min kienet din il-persuna ghaliex mhux lest li jixhed il-Qorti. Ix-xhud spjega li wara li dahlet l-informazzjoni huwa beda jinvestiga u kellem diversi persuni u stabilixxa li l-imputat kien fuq il-post u fuq dik l-informazzjoni kombinata mar-rapport li sar mill-vittma kien hemm ragunijiet bizzejjed biex jahseb li kien l-imputat.

Dwar dak li qallu dan il-persuna l-Assistent Kummissarju testwalment xehed *"Hu qalli, li jista' jkun, lanqas kien cert li mija fil-mija, qal li jista' jkun li kien hu u jghidlek wiehed b'xaghru abjad, wiehed b'xaghru abjad. Igifieri dan ma giex qalli s-Sur Axiaq li jismu s-Sur Axiaq. Qaluli jista' ikun ighidulu 'il-Banana', ha nghid xi haga ohra, lanqas isem. Fil-fatt jiena bghatt ghal huh bi zball ghax ghadna ma nafux min kien dan ta'*

[3] Dok SM1

[4] Seduta tal-24 ta' Frar 2014

*xaghru bajda. Igifieri din kienet just a tip off hekk, mhux just mija fil-mija, bi zball jiena bghatt ghal huh".*

Nicholas Azzopardi[5] jixhed li dakinhar ta' l-incident huwa flimkien ma' xi hbieb tieghu, wara li kienu fi stabiliment iehor, xil-hamsa ta' filghodu marru s-Serkin. Waqt li kien qieghed barra u kien hemm xi hbieb tieghu gewwa gharaf lil Dr Pullicino Orlando li kien qieghed fit-triq hdejh, xi zewg metri 'l boghod minnu u beda jitkellem hazin. Azzopardi xehed li Dr Pullicino Orlando gharfu u hares lejh u ghadda xi kumment li ma fehmx. Ix-xhud resaq lejh u minghajr ma kellmu hazin qallu li dawn ma kienux affarijiet ta' quddien in-nies. Ma kienx hemm glied. Fil-pront dehru aktar persuni li bdew jitkellmu hazin u javvicinaw lix-xhud. Huwa hares lejn Dr Pullicino Orlando u qallu li daqshekk u li kienet waqfet hemm. Kif se jibda miexi lura wasal Dr Debono li beda allegatament jitkellem hazin u jghajjat. Skont ix-xhud Dr Debono ghamel hiltu biex jinstiga glieda. Huwa jixhed *"Dort jiena, lanqas kellimtu lil dan ir-ragel u f'daqqa wahda persuna li hawn hawnhekk u tal-inqas wiehed jekk mhux tnejn ohra bdew ituni bil-ponn go wicci igifieri. Mhux bi zball, ma taqlax daqtejn".* Ix-xhud ighid li gharaf lill-imputat li skontu, waqt li kien hemm Dr Pullicino Orlando bi drittu ezatt, l-imputat dar u tah daqqa ta' ponn jekk mhux tnejn fuq in-naha tal-lemin ta' wiccu u huwa waqa' mal-art. Huwa jghid li ma waqghax catt mal-art imma bid-daqqa resaq lura u ra lil Dr Pullicino Orlando jigri warajh u qala' daqqa ohra. Huwa ma rax minn wara min kien izda wara l-incident avvicinawh xi nies li qalulu li kien l-imputat. Jidhirlu li l-istess Raymond Axiaq gabarlu n-nuccali li kien imkisser. Huwa cempel lill-pulizija izda sakemm gew kulhadd telaq. Huwa jixhed li kellu daqqiet fuq iz-zewg nahat ta' wiccu u kkonferma l-istima prezentat in atti. Huwa ma kienx jaf lill-imputat qabel dan l-incident. Meta rrilaxxja l-istatement u kellmuh il-pulizija qalilhom li l-aggressur kien persuna, fifties, b'xaghru abjad. L-Ispettur Magri wrietu r-ritratt u ighid li kwazi lanqas staqsietu kienx huwa l-aggressur u huwa qalilha iva. Ix-xhud ikkonferma li kien gie muri ritratt qabel. Xi gimghat wara l-incident avvicinah persuna li ma kienx jafu u qallu li kien prezenti waqt l-incident. Qallu li huwa kien lest li jitla' jixhed izda sussegwentement qallu li ma riedx jixhed. In kontro-ezami xehed li meta kkonfrontat bir-rapport li kien ghamel huwa qal li kien semma lill-Ispettur li l-persuna li tah id-daqqa kellu xaghra bajda. Huwa m'avvicinax lill-pulizija li kien hemm persuna li ra kollox.

[5] Seduta tal-24 ta' Frar 2014

L-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri. Huwa kkonferma l-kontenut ta' l-istqarrija rilaxxata minnu. Huwa xehed li kien fil-post imsemmi jiekol il-pastizzi u sema lehen Dr Debono minn barra li qiesu kienu qieghed jilletika. Huwa kien ma' persuna ohra u qallu li kien se jmur jara x'gara. Huwa ra hafna nies u Dr Debono imdawwar fin-nofs u kienu qeghdin jilletikaw u Dr Debono beda jghid 'ara ma tmissuhx'. Sab lil din il-persuna li ma kienx jaf u qallu biex jersaq. Huwa gabarlu n-nuccali mill-art u mar tahulu. Lill-parte leza l-ewwel darba li imbaghad rah kien fil-Qorti. Huwa jichad li aggredih. Huwa qal li mar biex iferraq. Qalilhom biex jitilqu.

L-Ewwel u t-Tieni Imputazzjonijiet

Illi hekk kif qalet id-difiza fit-trattazzjoni finali dawn l-imputazzjonijiet ghalkemm separati u distinti minn xulxin fl-istess hin huma konnessi billi minn dak li xehed il-parte leza n-nuccali inkisirlu b'konsegwenza tal-aggressjoni li sofra. Ghalhekk l-ewwel li se tigi trattata hija t-tieni imputazzjoni.

Din il-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni ma rnexxilix tipprova din l-imputazzjoni sal-grad rikjest mil-ligi ossija oltre' d-dubju dettat mir-raguni. Dan ghar-ragunijiet segwenti: il-parte leza innifsu meta ghamel ir-rapport lill-Pulizija ta l-versjoni tieghu ta' kif sehh l-incident f'liema akkadut gie ppruvat li huwa gie aggredit u sofra griehi hfief. Il-parte leza *a tempo vergine* rrapporta li waqt il-kommossjoni li nqalghet kien hemm persuna li dehrlu li kien mal-grupp ta' Dr Debono li hareg u mar ghalih fejn kif resaq lejh beda jxejjer xi daqqiet ta' ponn fid-direzzjoni tieghu u laqtu f'wiccu. Mentri meta xehed *viva voce* testwalment: *"Dort jiena, lanqas kellimtu lil dan ir-ragel u f'daqqa wahda persuna li hawn hawnhekk u tal-anqas wiehed jekk mhux tnejn ohra, bdew ituni bil-ponn go wicci jigifieri. Mhux bi zball ma taqlax daqtejn"*. Il-Qorti tara li l-parte leza ma kienx kostanti fil-modd kif sehh l-incident. Lanqas ic-certifikat mediku ezebit ma jikkombaca ma' dak li xehed dwaru l-parte leza. Fir-rapport *a tempo vergine* l-parte leza semma li kienet persuna wahda biss li tatu daqqa ta' ponn. Kwindi jekk il-Qorti kellha temmen lill-parte leza meta xehed *viva voce* fejn qieghed jindika li apparti l-imputat kien hemm persuni ohra li tawh fuq wiccu zgur ma jistax jinghad li l-feriti li garrab kienu necessarjament kagun ta' l-allegata daqqa ta' ponn ta' l-imputat.

Fil-fatt, hawnhekk il-Qorti tqis li l-versjoni moghtija mill-imputat hija aktar konsonanti ma' dak li sehh u tikkombaca sa certu punt max-xhieda tal-parte leza fis-sens li kien hemm kommossjoni fejn il-parte leza gie aggredit u l-imputat mar biex iferraq u f'dan il-mument jista' jaghti l-kaz li l-imputat laqat lill-parte leza hekk kif stqarr fl-istqarrija tieghu u anki fix-xhieda tieghu. L-istess parte leza jixhed li l-imputat kien il-persuna li gabarlu n-nuccali mill-art u tahulu. Din il-Qorti ssibha ferm stramba li persuna li ma tafekx, ma kellix argumenti mieghek qabel, taghtik bil-ponn u imbaghad wara dan kollu tigborlok in-nuccali mill-art u tghaddihulek. Ukoll, lanqas gie ppruvat li fil-fatt l-imputat kien fil-grupp ta' Dr Debono u Dr Pullicino Orlando kif sostnut mill-parte leza.

Oltre' dan jinghad meta l-parte leza mar jirrapporta u ta l-versjoni tieghu, mill-okkorrenza ezebita ma jirrizultax li huwa ta xi karatteristika partikolari tal-persuna li aggreditu. Fix-xhieda tieghu jghid li qal lill-pulizija li kien persuna b'xaghru bajdani. PS 1195 Conrad Debattista wkoll xehed f'dan is-sens izda dan id-dettall stranament huwa mankanti fir-rapport pprezentat. Oltre' dan il-Prosekuzzjoni u l-parte leza xehdu li kien hemm diversi nies li taw informazzjoni li l-imputat kien involut izda minn dak li rrizulta rreferew ghal-laqam tal-familja tieghu u mhux ghalih b'ismu. Jirrziulta li l-parte leza gie muri r-ritratt tal-imputat b'mod li qisu gie infurmat li bhala stat ta' fatt kien l-imputat u huwa dak il-hin ikkonferma li kien huwa.

Irrizulta li meta sehh l-incident kien hemm diversi nies prezenti li setghu jitfghu dawl ta' kif sehhet l-aggressjoni u kif inqala' l-argument (li ma kienx bejn l-imputat u l-parte leza) izda hadd minnhom ma tressaq biex jaghti x-xhieda tieghu.

Kwindi l-Qorti hija rinfaccjata b'kunflitt ta' provi. Huwa minnu li mhux kull kunflitt ta' provi jwassal immedjatament u necessarjament ghal-liberatorja. Biss dan huwa kaz fejn hekk ghandu jsehh billi ma rrizultax li l-imputat agredixxa lill-parte leza.

Illi ladarba l-imputat qieghed jigi lliberat mit-tieni imputazzjoni huwa se jigi liberat ukoll mill-ewwel imputazzjoni billi ma giex ippruvat li l-imputat hebb ghall-parte leza u li kissirlu n-nuccali.

L-Imputazzjonijiet l-ohra

Illi t-tielet imputazzjoni ma tirrizultax mill-atti. L-istess jinghad gharraba' imputazzjoni partikolarment meta l-akkuza tirreferi ghal data u okkazjoni wahda biss u kif inhu maghruf ir-reat addebitat lill-imputat permezz ta' din l-imputazzjoni jehtieg *a course of conduct* li bla ebda dubju ma tirrizultax. Il-hames imputazzjoni wkoll ma tirrizultax billi la rrizulta li huwa ghajjat, la li ghamel xi storbju u lanqas li ggieled.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant tilliberah minnhom.

Dr Josette Demicoli LL.D.
Magistrat